IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2022
COM(2022) 202 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port rigward is-sħubija tal-Federazzjoni Russa fl-organizzazzjoni**

**ANNESS**

Fir-rigward tad-Dokument PSCC55/11.1 tal-PSCC55

Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija kif ġej:

(1) taqbel mal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 5 tad-dokument PSCC55/11.1 rigward id-detenzjoni ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ukrajna fil-portijiet tal-membri tal-MtQ ta' Pariġi;

(2) tappoġġa b'mod attiv li l-Federazzjoni Russa tiġi sospiża mill-MtQ ta' Pariġi wara l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna;

(3) tistinka biex jintlaħaq konsensus bejn il-membri tal-MtQ ta' Pariġi għajr il-Federazzjoni Russa biex għalissa s-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-MtQ ta' Pariġi tiġi sospiża;

(4) taqbel mal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 7 tad-dokument PSCC55/11.1 rigward l-irtirar tar-rikonoxximent taċ-ċertifikati statutorji maħruġa mill-Federazzjoni Russa.